# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla

## Id-disa' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 20/2025

**Laqgħa Numru 20**

23 ta' Lulju, 2025

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, L-Erbgħa, 23 ta' Lulju 2025 fl-5:00 ta' filghaxija.

**PREŻENTI:**
Marco Agius - Sindku
Martin Vella - Kunsillier
Rita Gatt - Kunsilliera
Glauber Spiteri - Kunsillier

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Noyah Spiteri Hammett - Viċi Sindku

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Crystal Degabriele –Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Marco Agius ippresjeda din is-seduta Nru 20 għad-disa' leġislatura

| | |
|---|---|
| **20.01** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji** |
| **20.01.01** | Il-Viċi Sindku Noyah Spiteri Hammett talbet biex tiġi skużata għal din is-seduta. |
| **20.02** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti** |
| 20.02.01 | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet il-minuti tas-seduta numru 19/2025 għad-disa' leġislatura permezz ta' email lis-Sindku, Viċi Sindku u lill-Kunsilliera kollha.<br><br>Approvazzjoni tal-Minuti:<br><br>Il-Kunsillier Glauber Spiteri approva l-minuti tas-seduta numru 19/2025, u l-kunsilliera Rita Gatt issekondat. |
| **20.03.** | **Korrispondenza** |
| 20.03.01 | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat il-Minuti Numru 19 sabiex tagħti rendikont dwar l-iżviluppi li seħħew, kif ukoll dawk li ma seħħewx, mill-aħħar seduta sal-lum. Matul din il-parti tas-seduta, ingħatat spjegazzjoni ċara u dettaljata dwar ix-xogħol li twettaq u l-affarijiet li għadhom pendenti. |
| 20.03.02 | Is-Sindku qara email li waslet mingħand il-Kunsillier Glauber Spiteri, fejn huwa ssuggera li, jekk il-maġġoranza tal-kunsilliera jkunu favur, issir diskussjoni dwar l-użu tal-ispazji ta' parkeġġ magħrufa bħala 'blue parking'. Huwa propona li jiġu identifikati dawk l-ispazji li m'għadhomx intitolati u li, fejn meħtieġ, dawn jiġu revokati kif xieraq. Din l-inizjattiva tista' tgħin sabiex jiġi assigurat użu aktar ġust u effettiv ta' dawn l-ispazji fil-lokalità tagħna. |

| | |
|---|---|
| | Wara diskussjoni bejn il-kunsilliera preżenti, kien hemm qbil sabiex tintalab lista uffiċjali tal-ispazji 'blue parking' kollha fiż-żona ta' Bormla. Din il-lista għandha titqassam lill-kunsilliera sabiex dawn ikunu jistgħu jidentifikaw dawk l-individwi li forsi m'għadhomx jgħixu f'Bormla jew xi nies li gew nieqsa. |
| 20.03.03 | Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill, permezz ta' email, dwar l-intervisti għar-rwol ta' Clerk Skala 15 li kellhom isiru fis-17 ta' Lulju. Hija infurmat wkoll informazzjoni dwar tal-bord tal-intervista.<br>Is-Sindku kompla jispjega li mill-proċess tal-intervisti ħareġ li kien hemm kandidat wieħed biss, li madankollu ma kienx meqjus bħala ideali għal din il-pożizzjoni. Għalhekk, ġie deċiż li l-vakanza tinfetaħ mill-ġdid u tkun offruta lill-kandidati rreġistrati fuq P3.<br>Il-Kunsilliera ser jiġu informati mill-ġdid dwar il-proċess tal-intervisti li jmiss hekk kif ikun skedat. Il-Bord tal-Intervista ser jerġa' jkun immexxi mis-Segretarju Eżekuttiv, bħala' 'Council's Administrative Head', flimkien mas-Sindku bħala 'Chairperson'. Barra minn hekk, ser tkun mistiedna wkoll is-Sinjura Mandy, Segretarju Eżekuttiv b'esperjenza li bħalissa tokkupa l-istess rwol fil-Kunsill Lokali tal-Gżira, sabiex tgħin fil-proċess. Il- kunsilliera qablu ma dan il-proċess. |
| 20.03.04 | Is-Sindku informa li saret laqgħa ma' SEM (Servizzi Ewropej f'Malta) fejn bħalissa għaddejja komunikazzjoni mas-Sindku tal-Kosovo, bil-ħsieb li jiġu esplorati attivitajiet potenzjali ta' kollaborazzjoni bejn iż-żewġ lokalitajiet, bħala parti minn inizjattiva ta' 'town twinning'. Intqal ukoll li hemm l-intenzjoni li tiġi sottomessa applikazzjoni għal fondi Ewropej f'dan ir-rigward.<br>Il-Kunsilliera ġew mistiedna jibagħtu l-ideat tagħhom dwar attivitajiet possibbli permezz ta' email. Hekk kif isseħħ il-laqgħa mas-Sindku fil- |

| | |
|---|---|
| | Kosovo, il-Kunsilliera jiġu infurmati dwar liema attività tkun intgħażlet sabiex tiġi sottomessa bħala applikazzjoni għal fondi. |
| 20.03.05 | Il-Kunsill irċieva email mingħand is-Sur Alan Falzon, fejn staqsa jekk hux possibbli li jiġi allokat spazju ta' parkeġġ 'Blue Badge' għall-komunità, viċin iċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Bormla. Huwa sostna li, skont l-għarfien tiegħu, din hija l-unika klinika fejn l-ispazji 'Blue Badge' huma kollha personalizzati għal persuni b'permess individwali.<br>Il-Kunsilliera iddiskutew is-suġġeriment u qablu li, hekk kif isir l-eżerċizzju ta' reviżjoni u evalwazzjoni tal-parkeġġi 'Blue Badge' fil-lokalità, dan il-punt jiġi diskuss mill-ġdid sabiex jiġi evitat li triq kolla quddiem il-klinika jiġi okkupat b'spazji riservati, u b'hekk jinkoraġġixxu bilanċ ġust fl-użu tal-ispazji pubbliċi. |
| 20.03.06 | Is-Sindku informa li tlestew ix-xogħlijiet relatati mal-installazzjoni tal-fanali fi Sqaq l-Erwieħ, kif ukoll fi Triq Hanover. |
| 20.03.07 | Il-Kunsill ġie nfurmat dwar ċirkulari mill-AKL (Numru 2025/044) rigward il-'Group Life Policy' għall-perjodu 2025–2026, għal membri eletti. Din il-polza tiswa €65 għal kull Kunsillier. F'każ li membru elett jitlef ħajtu waqt li jkun fil-kariga u l-polza tkun għadha attiva u pagata, il-qraba tiegħu jkunu intitolati għal benefiċċju ta' €30,000.<br>Għall-Kunsilliera li għandhom aktar minn 65 sena, il-polza tiswa €340, u jkun meħtieġ ukoll li jimlew u jissottomettu formola ta' 'Declaration of Good Health'.<br>Il-Kunsilliera qablu  li jipparteċipaw f'din il-polza. |
| 20.03.08 | Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar l-opportunità ta' finanzjament taħt il-programm SPI/SCI/07/2025 – Komunitajiet Aktar b'Saħħithom u ta' Kwalità. Il-fondi disponibbli jammontaw għal €100,000. Il-Kunsill ser ikun |

| | |
|---|---|
| | qed japplika għal dawn il-fondi bil-għan li jsir titjieb iż-żona ta' quddiem il-Knisja.<br>Il-Kunsilliera qablu mal-proposta u approvaw il-parteċipazzjoni fil-proġett. |
| 20.03.09 | Is-Sindku informa li kellu laqgħa flimkien mal-Viċi Sindku ma' raġel involut fil-biedja tan-naħal, li esprima interess sabiex jiġu organizzati attivitajiet edukattivi għat-tfal. L-għan ta' dawn l-attivitajiet hu li jintwera x'inhuma l-proċessi relatati man-naħal u l-produzzjoni tal-għasel, b'mod interattiv u edukattiv. Il-kunsilliera qablu. |
| **20.04** | **Kommunikazzjoni mis-sindku** |
| 20.04.01 | Is-Sindku Marco Agius informa lill-Kunsilliera li fuq l-istage li jinsab fil-faċċata tal-Monument Um el Faroud, hemm il-ħsieb li jiġi stabbilit 'Cat Café'. Dan is-servizz se jkun jinkludi spazju fejn il-qtates jiġu mdewija u mogħtija kura xierqa. Il-Kunsilliera qablu ma' din l-inizjattiva. |
| 20.04.02 | Saret laqgħa mal-perita responsabbli mill-proġett ta' żvilupp tal-Housing fi Triq l-Irlandiżi. Matul din il-laqgħa, il-perita staqsiet jekk hux possibbli li l-Kunsill Lokali jieħu ħsieb il-manutenzjoni tal-pjazza li ser tkun integrata f'dan il-proġett. Is-Sindku wieġeb li, fil-prinċipju, il-Kunsill ma jkunx kontra li jieħu ħsieb l-imsemmija pjazza, iżda dan ikun biss possibbli jekk jiġu allokati fondi apposta għall-manutenzjoni tagħha. Fin-nuqqas ta' fondi, il-Kunsill ma jkollux il-kapaċità finanzjarja biex jieħu dan l-obbligu fuqu.<br>Intqal ukoll li din il-pjazza ser tiġi msemmija għal Perit Duminku Mintoff. Il-kunsilliera qablu ma dan. |
| 20.04.03 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li saret ikla bejn is-Sindku, il-Viċi Sindku, u s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' Kerċem. Matul din |

| | |
|---|---|
| | l-ikla ġew diskussi diversi ideat ta' proġetti li jistgħu jiġu żviluppati b'mod konġunt bejn iż-żewġ lokalitajiet.<br><br>Bħala pass li jmiss, ser tiġi organizzata laqgħa ma' diversi għaqdiet Bormliżi sabiex flimkien jiġu esplorati l-possibbiltajiet ta' kollaborazzjoni u jiġu identifikati inizjattivi konkreti li jistgħu jitwettqu. Il-kunsilliera qablu. |
| 20.04.04 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li t-tender relatat ma' Verdala għandu jibda f'dan ix-xahar. Il-proġett jinkludi t-tqegħid ta' bandli ġodda, l-installazzjoni ta' gate ġdida, kif ukoll it-tiswija tal-gazebo tal-injam eżistenti. |
| **20.05** | **Twegibiet ghall-mistoqsiiet mil- kunsilliera** |
| 20.05.01 | Il-Kunsillier Martin Vella staqsa jekk hux possibbli li jinbidlu l-bins li jinsabu fi Pjazza quddiem il-Każin tal-Banda. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ser tkun qed tikkuntattja lid-Dipartiment tal-Cleansing. Il-Kunsilliera preżenti qablu li, jekk ikun possibbli, il-bins għandhom jinbidlu. |
| 20.05.02 | Il-Kunsillier Martin Vella staqsa jekk hux possibbli li tiġi installata mera tat-traffiku jew road hump fil-kantuniera bejn Triq Matty Grima u Triq Santa Margerita, peress li hemm problema ta' viżibilità u l-karozzi spiss ma jarawx vetturi ġejjin mill-kantuniera.<br><br>Il-Kunsilliera qablu li hemm bżonn tittieħed xi miżura sabiex titjieb is-sigurtà u ġie deċiż li jsiru l-verifiki meħtieġa sabiex jiġi deċiż l-aħjar intervent. |
| 20.05.03 | Il-Kunsillier Martin Vella staqsa min ta gwida lid-Dipartiment tal-Cleansing dwar il-bins li qed jitwaħħlu f'postijiet differenti madwar Bormla. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li diġà kellha komunikazzjoni |

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1202, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

| | |
|---|---|
| | mas-Sur Duncan Hall, li informa li kellu jivverifika mal-Direttur Ġenerali. Madankollu, bħalissa ma kienx disponibbli, iżda hekk kif jirritorna lura ser jinfurmaha.<br>Is-Sindku Marco Agius irrimarka wkoll li xtaq li jkun hemm komunikazzjoni mid- Dipartiment tal-Cleansing rigward il-kennies li qed jagħmlu t-tindif fiż-żona tal-Housing Estate f'Bormla. |
| 20.04.04 | l-Kunsillier Glauber Spiteri staqsa dwar il-ftuħ tal-passaġġ tal-mina ta' Santa Liena.<br>Is-Sindku informa li bħalissa m'għandux informazzjoni iżda wiegħed li ser jikkonsulta mal-entitajiet u l-persuni kkonċernati sabiex jakkwista aktar dettalji. |
| 20.04.05 | Il-Kunsillier Spiteri kompla billi staqsa jekk hemmx xi pjanijiet dwar meta ser isir ir-restawr tal-kappella taħt l-art. Is-Sindku wieġeb li l-kumpanija responsabbli li kienet qed tiġi kkunsultata dwar ix-xogħol meħtieġ ma tatx risposta. |
| 20.04.06 | Il-Kunsillier Spiteri rrimarka li fiż-żmien tal-elezzjoni kien hemm l-intenzjoni li jibda jitnaddaf id-Ditch ta' San Ġwann t'Għuxa.<br><br>Is-Sindku informa li diġà kien talab sabiex isir it-tindif, u żied jgħid li hemm madwar 20 shelter mill-perjodu tal-Gwerra. Huwa spjega li qed isiru sforzi sabiex jinstabu fondi biex dawn is-shelters jiġu miftuħa, iżda nnota li għal dan il-proġett ikun hemm bżonn tal-inqas €800,000. |
| 20.04.07 | Il-Kunsillier Spiteri staqsa jekk hemmx xi aġġornament rigward il-fanali li għandhom jitpoġġew fi Daħlet it-Tliet Ibliet.<br>Is-Sindku informa li l-fanali ġew ordnati u bħalissa qed jistennew li jaslu minn barra. |

| | |
|---|---|
| 20.04.08 | Il-Kunsillier Spiteri staqsa wkoll jekk hux possibbli li jsir kuntatt mal-Cospicua Rangers sabiex dawn jipprovdu skeda bl-ħinijiet tal-ftuħ tal-faċilitajiet tagħhom.<br>Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tikkuntattjahom sabiex tiġi skedata laqgħa, fejn jistgħu jiġu diskussi dawn il-kwistjonijiet. |
| 20.04.09 | Il-Kunsillier Spiteri staqsa wkoll dwar il-bozza ġdida li għandha titpoġġa fi Triq il-Pellegrinaġġ.<br>Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li bħalissa qed jistennew rispons mingħand ARMS, peress li kien meħtieġ li tiġi sottomessa applikazzjoni ġdida għall-installazzjoni. |
| 20.04.10 | Il-Kunsillier Spiteri rringrazzja lil Kunsillier Martin Vella tal-għajnuna tiegħu waqt il-Kids Summer Party, kif ukoll lill-helpers kollha li għenu fl-attività. Huwa żied jgħid li l-attività kienet suċċess. |
| **20.06** | **Approvazzjoni ta'skedi ta' hlasijiet** |
| 20.06.01 | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet email bl-iskeda numru 7 għad-9 leġislatura u l-petty cash ta' Ġunju 2025.<br><br>Il-Kunsillier Glauber Spiteri approva l-iskeda numru 7 għad-9 leġislatura, waqt li l-Kunsilliera Rita Gatt issekonda.<br><br>Kif ukoll, il-Kunsilliera Rita Gatt approvat l-petty cash ta' Ġunju, waqt li l-kunsillier Glauber Spiteri isskonda. |
| **20.07** | **Mozzjonijiet** |
| 20.07.01 | Mozzjoni Numru 77/2025<br><br>Seduta Numru 20/2025 (IX)<br><br>Għeżiez,<br>Kelmuni numru ta' residenti li jirresjedu fi Triq il-Mitħna. Resqu l-ilmenti tagħhom fejn waħda minnhom kienet is-sewqan eċċessiv li |

2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1202, Malta
Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222
E-mail: bormla.lc@gov.mt

| | |
|---|---|
| | qed ssir fl-istess triq. Qed nitlob illi jsiru Sleeping Policmens sabiex tkun ittieħdet azzjoni fuq dan.<br><br>Grazzi<br>Glauber.<br><br>Proponent: Glauber Spiteri _________________<br><br>Sekondant : Marco Agius _________________<br><br>Il-kunsilliera prezenti qablu ma din il-mozzjoni. |
| 20.07.02 | Mozzjoni Numru 78/2025<br><br>Seduta Numru 20/2025 (IX)<br><br>Għeżież,<br><br>Qed nitlob illi tiġi irranġata bankina li hemm fi Triq San Nikola hekk kif din ġiet mfarrka totalment min kuntrattur li bena fiż-żona. Din hija perikoluża ħafna tant li korrew xi nies ukoll.<br><br>Glauber Spiteri<br><br>Proponent: Glauber Spiteri _________________<br><br>Sekondant: Rita Gatt _________________<br><br>Il-Kunsilliera qablu ma din il-mozzjoni. |
| **20.08** | **Rapporti** |
| 20.08.01 | Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżentat l-Financial Indicator għat-Tieni Kwart (Q2), fejn l-accountant informa li l-Kunsill bħalissa jinsab b'surplus u jekk inkomplu bl-istess mod, se nibqgħu sejrin tajjeb. Il-Kunsillier Glauber Spiteri approva, filwaqt li l-Kunsilliera Rita Gatt issekondat. |
| **20.09** | **Aġġornament tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |

| | |
|---|---|
| 20.09.01 | Is-Seduta ġiet mtemmija fis-18:30 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għat 19 ta' Awissu, fil-ħamsa ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum ________________

______________ ______________________

**Marco Agius** **Crystal Degabriele**

Sindku Segretarju Eżekuttiv